**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Numru 574/2022 MS*

**Tancred Tabone**

**Vs.**

**L-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali**

Illum, 21 ta' Novembru, 2024

Kawża Numru: 1K

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors preżentat mir-rikorrenti fis-27 t'Ottubru 2022 li bih wara li ppremetta dan li ġej:

**Introduzzjoni**

Fid-19 ta' Frar 2013, l-esponent tressaq taħt akkuża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja (Malta) fejn ġie akkużat bi frodi u b'ħasil tal-flus. L-akkużi li tressqu mill-Pulizija jidhru li huma konnessi mal-involviment tal-esponent fil-Fuel Procurement Committee tal- (allura) Korporazzjoni Enemalta u partikolarment fiż-żmien meta l-esponent kien Chairman tal-imsemmija Korporazzjoni.

Fl-istess jum, b'digriet ieħor maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja (Malta), ħarġet ordni ta' ffriżar ("**Ordni ta' Iffriżar**") abbażi tat-termini tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta ("**l-Att** ") il-Qorti:

"Ordnat is-sewestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, il-flejjes u l-proprjeta' mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew jkunu jmissu lil Tancred Tabone jew li jkunu proprjeta' tiegħu.... In oltre l-qorti qed tipprojbixxi Tancred Tabone.... milli jittrasferixxi/u, jagħti/u b'rahan, jipoteka/w jew xorta' oħra jiddisponi/u mill-proprjeta' tiegħu/tagħhom, mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta."[1]

Il-proċess ta' kumpilazzjoni, illum il-ġurnata għadu għaddej u jinsab f'sitwazzjoni fejn il-prosekuzzjoni, min-naħa tagħha, għadha qed tressaq il-provi f'dawn il-proċeduri. Bħala riżultat, l-esponent ilu jgħix, għal iktar minn disa' snin, b'din l-Ordni tal-Iffriżar. Dan meta, sa' llum il-ġurnata, l-esponenti ma nstab ħati tal-ebda reat kriminali. Addizjonalment, mill-provi li tressqu minnhom, jirriżulta li skont il-prosekuzzjoni, l-allegat gwadann illeċitu li seta' akkwista l-esponent (ħaġa li l-esponent jiċħad bil-qawwa kollha) huwa fl-ammont ta' $150,000 ekwivalenti għal €135,000. Madanakollu, l-Ordni tal-Iffriżar tolqot assi li huma ta' ammont ferm ikbar kif ukoll assi li bl-ebda mod m'għandhom x'jaqsmu mal-akkużi in kwistjoni.

Fit-18 ta' Marzu 2022, l-esponent ippreżenta rikors quddiem l-Onor. Qorti tal-Maġistrati (bħala Qorti Istruttorja) fejn talab il-Qorti tirriduċi l-Ordni tal-Iffriżar għall-ammont ta' €135,000. Din it-talba, madanakollu, ġiet

[1] Kopja ta' dan id-digriet huwa hawn anness u mmarkat bħala Dok A. Id-digriet ħareġ fil-konfront ta' diversi kumpanniji oħra pero' fir-rigward ta' dawk il-kumpanniji, l-Qorti kienet ordnat ir-revoka l-għaliex kienet iddeterminat li kienu estraneji għall-proċeduri kriminali. Għaldaqstant dan ir-rikors mhuwiex qed jitressaq fil-konfront ta' dawn il-kumpanniji iżda biss fir-rigward ta' Tancred Tabone.

miċħuda mill-Qorti tal-Maġistrati[2]. Ma hemm l-ebda dritt ta' appell minn dik id-deċiżjoni u għaldaqstant, Tancred Tabone m'għandu l-ebda rimedju ieħor ordinarju jew effikaċi li jista' jiġi adoperat. Għal dawn ir-raġuni, Tabone kellu jressaq dawn il-proċeduri.

Dawn il-proċeduri qed jitressqu l-għaliex, l-Ordni tal-Iffriżar u iktar u iktar ir-rifjut tal-Qorti li tnaqqas din l-Ordni tal-Iffriżar huma leżivi d-drittijiet fundamentali tal-bniedem ta' Tabone kif protetti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea għad-drittijiet tal-Bniedem.

Iż-żamma fis-seħħ tal-Ordni tal-Iffriżar mingħajr ir-riduzzjoni mitluba minn Tabone u l-aplikazzjoni tar-restrizzjoni misjuba fil-liġi li Tabone jista' juża biss flejjes sa massimu ta' €13,976.24 fis-sena, hija miżura arbitrarja għall-aħħar, sproporzjonata u li ma toħloq l-ebda bilanċ bejn l-interessi tal-Istat u d-drittijiet tal-esponent. Anzi, l-piż huwa kollu fuq l-esponent li għadu biss fi stadju ta' akkuża u li ma nstab ħati ta' l-ebda reat. Mhux hekk biss iżda, tul dawn is-snin kollha li l-prosekuzzjoni ilha tipprova ġġib xi forma ta' prova kontrih fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, minħabba l-fatt li kien hemm l-Ordni fis-seħħ, Tabone ma kellu l-ebda possibilita' li jaqla' xi forma ta' ntorjtu minn xogħol jew attivita' li bla ebda dubju hija attivita' legali u dan bi preġudizzju enormi għalih u għal familja tiegħu. Dan meta l-proċeduri quddiem il-Qorti Istruttorja ilhom għaddejjin għal dawn is-snin kollha, bil-prosekuzzjoni li għadha m'għalqitx bil-provi u fi żmien meta, suppost, Tabone jitqies innoċenti fil-konfront tal-akkużi li nġiebu kontrieh. Għal din ir-raġuni, ż-żammi fis-seħħ tal-Ordni tal-Iffriżar toħloq piż eċċessiv u irraġonevoli fuq l-esponent u ma tissalvagwardjax id-drittijiet fundamentali tiegħu li jkun jista' jgawdi l-proprjeta' tiegħu u jiġi preżunt innoċenti.

**Il-Qafas Regolatorju: Il-ħruġ tal- Ordnijiet tal-Iffriżar**

L-Att jirregola l-mod kif l-Qrati jistgħu joħorġu ordnijiet ta' konfisika u ordnijiet ta' iffriżar. L-ordnijiet ta' konfisika joħorġu wara li persuna tkun instabet ħatja ta' reat ta' *money laundering* u sservi sabiex tikkonfiska kwalunkwe proprjeta' li tkun ġiet mir-rikavat tar-reat. L-ordni tal-iffriżar min-naħa l-oħra hija miżura proviżorja, intiża sabiex tissekwestra assi li hemm possibilita' li persuna akkużata b'reat, ottjeniet mir-rikavat tar-reat allegatament kommess.

[2] Ara Dok B li fiha r-rikors li ppreżenta l-esponent, kif ukoll id-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja tat-2 ta' Mejju 2022.

Skont l-Artikolu 5 tal-Att, meta persuna tiġi akkużata b'reat ta' *money laundering* skont l-Artikolu 3 tal-Att, fuq talba tal-prosekuzzjoni, il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja tista' tagħmel ordni li:

a. Jissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l- proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti li jew ikunu jmissu lill-akkużat jew ikunu proprjetà tiegħu, u
b. Li jipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort oħra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli.

Il-Qorti, madanakollu, tista' tistabbilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu lil jew jiġi riċevuti mill-akkużat filwaqt li jkun qed iseħħ dak l-ordni sabiex "*huwa u l-familja tiegħu jitħallilhom* għixien deċenti f'ammont, fejn ikun hemm mezzi biżżejjed," ta' €13,976.24 fis-sena[3].

L-għan ta' din it-tip ta' ordni hija sabiex jiġi kkawtelat l-interess tal-Istat li, f'każ ta' sejbien ta' ħtija tinħareġ ukoll, flimkien ma kwalunkwe piena, ordni ta' konfiska li hija ordni tat-teħid favur il-Gvern tar-rikavat jew ta' dik il-proprjeta' li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat li jkun ġie mill-att illeċitu[4].

F'każ li qorti tiċħad talba mill-prosekuzzjoni għall-ħruġ tal-Ordni tal-Iffriżar, l-Avukat Ġenerali jista', fi żmien tlett ijiem tax-xogħol, jitlob lil Qorti Kriminali biex toħroġ l-imsemmija ordni. Bl-istess mod, akkużat li fil-konfront tiegħu inħareġ ordni tal-iffriżar jista' fi żmien tlett ijiem jitlob ir-revoka ta' dik l-Ordni.

Meta toħroġ ordni ta' ffriżar il-Qorti tal-Maġistrati tista' (a) tawtorizza l-ħlas ta' djun lil kredituri *bona fide* u (b) f'każ ta' raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex jittrasferixxi proprjeta' mobbli jew immobbli[5]. Il-liġi tagħti ukoll il-fakolta' lill-istess Qorti, f'ċirkostanzi partikolari tibdel l-Ordni tal-Iffriżar[6]. F'każ li dik it-talba ma tintlaqax, pero', ma hemmx il-fakolta li l-persuna soġġetta għall-ordni jirrikorri għal xi forma ta' appell jew jirrikorri quddiem Qorti sabiex il-kwistjoni terġa' tiġi eżaminata. Lanqas ma hemm id-dritt li wieħed jressaq xi forma ta' rikors, bħal ma wieħed jista' la darba jinstab ħati ta' reat u jkun hemm ordni

[3] Ara proviso tal-Artikolu 5(b)

[4] Art 3 (5)(a) tal-Att. Art 3(5) (a) jipprovdi li kull proprjeta' li tappartjeni lil, jew li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' xi persuna misjuba ħatja, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, titqies li tkun inkisbet mir-reat ta' *money laundering* u tkun suġġetta għal konfiska jew teħid mill-qorti. Għall-finijiet ta' dak is-subartikolu, l-liġi tgħid li:"rikavat" tfisser xi vantaġġ ekonomiku u kull proprjetà li tiġi jew titnissel, sew b'mod dirett sew mhux dirett, minn xi attività kriminali u tinkludi kull qliegħ jew benefiċċju ieħor miksub minn dik il-proprjetà".

[5] Ara t-tieni proviso tal-Artikolu 5(a);

[6] Artikolu 5;

ta' konfiska, li jressaq rikors sabiex ċertu proprjeta' tiġi ddikjarata li mhix emanenti minn reat kriminali u sabiex din mill-ewwel tiġi rilaxxata pendenti l-proċeduri kriminali[7].

Il-liġi Maltija, ġiet ukoll promulgata bl-intiża li tiġi implimentata d-Direttiva 2014/42 EU[8]. Skont l-Artikolu 8 ta' din id-direttiva:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni affettwati mill-miżuri previsti skont din id-Direttiva jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv u proċess ġust sabiex jitħarsu d-drittijiet tagħhom....

3. L-ordni ta' ffriżar għandha tibqa' fis-seħħ biss sakemm ikun meħtieġ li l-proprjetà tiġi ppreservata fid-dawl tal-possibbiltà li tiġi kkonfiskata sussegwentement.

4. L-Istati Membri għandhom jipprevedu l-possibbiltà effettiva li l-persuna li l-proprjetà tagħha tkun ġiet affettwata tikkontesta l-ordni ta' ffriżar quddiem qorti, f'konformità mal-proċeduri stipulati fil-liġi nazzjonali."

Kif ser jirriżulta' però, il-liġi Maltija kif ukoll il-mod kif din tiġi interpretata u applikata mill-Qrati Maltin fir-rigward ta' Tancred Tabone, tmur kontra dawn il-prinċipji tad-Direttiva u l-ħarsien tad-drittijiet tiegħu kostituzzjonali.

**Il-ġurispudenza kostituzzjonali dwar id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat li fil-konfront tagħha tinħareġ ordni ta' Iffriżar**

Il-ġurisprudenza tal-Qrati Kostituzzjonali Maltin, kif ukoll tal-Qorti Ewropea għad-drittijiet tal-bniedem ("**QEDB**") jgħarrfu li l-ħruġ tal-ordnijiet tal-iffriżar huma aċċettabbli u, anke f'każijiet neċessarji f'proċeduri kriminali. Manadakollu jgħidu li, tali ordinijiet, għandhom jingħataw b'ċertu kawtela u b'assikurazzjoni li d-drittijiet tal-persuna akkużata bir-reat ma jiġux ippreġudikati.

"L-iskop tal-ordni ta' friżar m'huwiex li jopprimi l-partimonju ta' persuna akkużata iżda li jasskiura li sakemm tkun deċiża l-kawża kriminali ma jkunx hemm gwadann

[7] Dan huwa differenti għal dak li huwa permess fir-rigward ta'ordni ta' konfiska l-għaliex taħt l-artikolu 3(5), fejn fi żmien tlett xhur ta' tali ordni ta' konfiska, il-persuna misjuba ħatja tista' tibda azzjoni b'rikors fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi) għal dikjarazzjoni li xi proprjetà jew kull proprjetà mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dħul minn ksur tal-artikolu 3 jew b'xi mod ieħor involuta fil-kummissjoni tar-reat ta' *money laundering*, u lanqas proprjetà, akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk. F'każ ta' eżitu pożittiv għar-rikorrenti, l-oġġetti li ma kellhomx jiġu konfiskati jiġu ritornati lura taħt il-proċedura ikkontemplata fil-liġi

[8] dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea

illeċitu mill-proventi tar-reat li bihom il-persuna tkun ġiet akkużata."[9]

Il-QEDB f'*Apostolovi v Bulgaria*[10]:

"The freezing of assets in the context of criminal proceedings with a view to making them available to satisfy a possible confiscation, forfeiture or fine is nota s such open to criticism (see *Dzinic* § 68, amd *Uzan and Others* § 204, both cited above). But since it carries with it a risk of unduly fettering the ability of the people holding rights in those assets freely to dispose of them, it must be attended by enough procedural safeguards to ensure that the measure is not arbitrary or disporportionate (ibid., as well as *Piras*, cited above § 55). The available procedures as a hwole must afford those affected by the freezing a reasonable opportunity of putting their case to the competent authorities with a view to enabling them to strike a fair balance between the competing interest at stake (see *Piras,* § 55, and *Uzan and Others* §, both cited above.

97. It must, then, be ascertained whether the relevant procedures seen as a whole, met this requirement...

104.... The Court has had occasion to say that although any seizure entails damage, the actual damage sustained by those affected by it should not be more extensive than that which is inevitable, if it is to be compatible with Article 1 of Protocol No 1)"

F'*Paulet v The United Kingdom*[11] , fejn hawn il-Qorti kienet qed tqis ordni ta' konfiska[12] irriteniet li:

"... in light of Article 1 of Protocol No. 1, in order to remain proportionate the application of the confiscation regime had to remain rationlly connected to the public interest aims pursued and go no further than necessary to achieve them. It was therefore submitted that to seek the imposition of a confiscation order on the basis of a benefit figure which far exceeded the value of the defendant's crimes could properly be described a disproportionate – either in the traditional sense used in criminal sentencing ("not fitting the punishment to the crime") or in the language of the Convention – and was therefore an abusive exercise of jurisdiction."

---

[9] *Francis Portelli et v Avukat Ġenerali,* Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) deċiża nhar il-15 ta' Lulju 2019.
[10] Application Number 32644/09, 7 ta' Novembru 2019
[11] Application Number 6129/08, 13 ta' Mejju 2014
[12] Madanakollu, jiġi sottomess li l-prinċipji f'każ ta' ordni tal-iffriżar jibqgħu l-istess

**L-Ordni tal-Iffriżar tilledi d-drittijiet fundamentali ta' Tabone**

Minn qari superfiċjali tal-provedimenti tal-Att, huwa faċli li wieħed jieħu l-impressjoni li dawn il-provedimenti huma proporzjonali u huma biżżejjed biex jikkawtelaw l-interessi tal-iStat u jżommu f'bilanċ ukoll l-interessi ta' persuna akkużat b'reat. Madanakollu dan mhux il-każ. Addizjonalment, u mingħajr preġudizzju, jirriżulta li r-rifjut tal-Qorti li tnaqqas u tirriduċi l-Ordni tal-Iffriżar mhux biss imur kontra l-ispirtu tal-leġislazzjoni stess iżda twassal għal ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Hemm diversi elementi li jwasslu għall-ksur tad-drittijiet tal-esponent. Hemm dawk li joħorġu direttament mill-liġi. Hemm oħrajn li jirriżultaw b'konsegwenza tad-deċiżjoni tal-Qorti li ma tirriduċix u ma tillimtax l-applikabilita' tal-Ordni tal-Iffriżar. Dawn ser jiġu spjegati brevement fil-paragrafi li ġejjin.

L-Artikolu 5 (1) jipprovdi li, fuq talba tal-prosekuzzjoni, il-Qorti trid toħroġ ordni ta' iffriżar fuq l-assi u l-proprjeta' kollha tal-akkużat. L-ordni toħroġ immedjatament u indiksriminament fuq il-proprjeta' kollha tal-akkużat mingħajr ebda konsiderazzjoni jekk il-proprjeta' hija proprjeta' li setgħet ġiet minn attivita' illegali jew inkella hix proprjeta' li ma hemmx dubbju li l-akkużat akkwista b'mod legali. Ma hemm l-ebda ħtieġa li l-prosekuzzjoni tagħmel xi forma ta' prova jew analiżi dwar x'tip ta' proprjeta' għandha tiġi maqbuda b'ordni tal-iffriżar jew ġustifikazzjoni l-għaliex għandu jkun hemm ordni ta' iffriżar jew inkella xi obbligu li l-ordni tal-iffriżar għandu jkun ċirkoskritt għal dak li l-prosekuzzjoni taħseb li jista' jkun rikavat minn aġir illeċitu. Lanqas ma hemm ebda obbligu li l-Qorti tagħmel xi forma ta' konsiderazzjoni f'dan is-sens. L-ewwel preżunzjoni mhix dik tal-innoċenza iżda l-preżunzjoni li l-proprjeta' kollha tal-akkużat tirriżulta bħala konsegwenza ta' azzjoni illeċita. L-Ordni tal-Iffriżar ħareġ kontra Tabone b'mod ġenerali fuq l-assi kollha tiegħu, inkluż dawk li, jirriżulta biċ-ċar, bla ebda dubju m'humiex u qatt ma jista' jkunu rikavat minn xi allegat reat ta' *money laundering*. Per eżempju, l-Ordni tal-Iffriżar, tkopri ukoll proprjetà parafernali li wiret l-esponent. Jirriżulta li mas-snin, l-esponent għamel diversi rikjesti biex jittrasferixxi proprjeta' mobbli jew immobbli iżda f'dawn iċ-ċirkostanzi, r-rikavat mill-bejgħ kellu jibqa' soġġett għall-Ordni tal-Iffriżar u għaldaqstant il-flejjes ma setgħux jintużaw mill-esponent.

Issa l-Att, jipprovdi għad-dritt li persuna milquta b'ordni ta' iffriżar tista' titlob lil Qorti tibdel jew tvarja l-Ordni u l-Qorti tista taċċetta li din l-ordni tbiddilha f'ċirkosanzi li huma ġustifikati. Madanakollu, jirriżulta li fil-prattika l-Qorti tal-Maġistrati riċentement qegħdin jirrifjutaw li jbiddlu dawn l-ordnijiet ta' iffriżar. L-istess għamlet il-Qorti fir-rigward ta' Tancred Tabone wara li ċaħdet it-talba tiegħu li tirriduċi l-ammont applikabbli għall-iffriżar għall-ammont li allegatament, skont il-provi mressqa s'issa mill-prosekuzzjoni, huwa r-rikavat minn attivita' kriminali. Dan għamlitu billi straħet fuq l-interpretazzjoni (għal kollox żbaljata) li tat il-Qorti tal-Artikolu 5 tal-Att fir-*Repubblika ta' Malta v Progress press Company Limited et*[13]. Din il-pożizzjoni u interpretazzjoni restrittiva ferm min-naħa tal-Qorti rrendiet l-artikolu 5 (3) tal-Att, kompletament irrilevanti u effettivament rimedju kompletament inapplikabbli u ineżistenti.

Il-Qrati Maltin ikunu żbaljati jekk jikkonkludu li l-ordni għandha testendi fir-rigward tal-assi kollha tal-akkużat minħabba l-fatt li skont l-Artikolu 3(5)(a) tal-Att, meta toħroġ ordni tal-konfiska hemm preżunzjoni li kull proprjeta' "*għandha, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntarju, titqies li tkun inkisbet mir-reat ta' money laundering u tkun suġġetta għal konfiska*". Dan għaliex, dik il-parti tad-dispożizzjoni hija biss preżunzjoni *juris tantum* u s-setgħa li għandha l-Qorti skont din id-dispożizzjoni stess hija sabiex, b'żieda mal-piena, tordna t-teħid favur il-Gvern tar-rikavat tar-reat jew tal-valur tar-rikavat. Il-prinċipju huwa li l-Qorti għandha tikkonfiska biss ir-rikavat tar-reat (jew proprjeta' f'valur ekwivalenti) u għaldaqstant il-liġi tagħti kull opportunita' li l-persuna li tkun ġiet misjuba ħatja tressaq il-provi f'dan ir-rigward.

L-istess ħaġa jista' jingħad għas-subartikolu (7) ta' l-artikolu 3 tal-Att, li ġie miżjud permezz ta' l-artikolu 44 ta' l-Att XXXI tas-sena 2007. Dan is-subartikolu jipprovdi li numru ta' disposizzjonijiet ta' liġijiet oħra huma applikabbli għall-Att, fosthom il-paragrafu (d) tas-subartikolu (3A) ta' l-artikolu 22 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan tal-aħħar jipprovdi li f'każ li akkużat jinsab ħati, il-Qorti għandha ukoll tordna l-konfiska tal-flejjes u tal-proprjetà mobbli u immobbli tal-persuna misjuba ħatja. Madanakollu din id-dispożizzjoni ma tistax tiġi moqrija waħidha mingħajr ma tikkonsidra l-bqija tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3 tal-Att. Il-prinċipju li f'każ ta' ħtija il-Qorti tordna l-konfiska tar-rikavat tar-reat jibqa' fis-seħħ dan iktar u iktar meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-emendi

[13] 10 ta' Marzu 2022;

oħra li saru fl-artikolu 3 (3) bl-istess artikolu 44 ta' l-Att XXXI tas-sena 2007. Huwa ghalhekk evidenti li, skond ir-regola ta' l-interpretazzjoni ta' l-*ejusdem generis*, il-konfiska tal-flejjes u tal-proprjetà mobbli u immobbli kollha tal-hati ghandha ssir biss fil-każijiet fejn preżunzjoni juris tantum ma tiġix ribattuta.

Jirriżulta għalhekk li fil-każ tal-esponent, il-Qorti straħet fuq interpretazzjoni restrittiva – u żbaljata - tal-Artikolu 5 (1) tal-Att u irriteniet li l-liġi tirrikjedi li l-ordni toħroġ fuq il-proprjeta' kollha tal-akkużat u li għaldaqstant m'għandha l-ebda diskrezzjoni tirriduċi tali ordni mingħajr ma tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li l-Artikolu 5 (3) tal-Att prorpju jagħtiha dik id-diskrezzjoni u hija proprju ntiża biex tagħti dritt lil Qorti tibbilanċja l-interessi tal-iStat u dak tal-esponent. Il-Qorti tieħu l-pożizzjoni li la darba l-Artikolu 5(1) japplika għal assi kollha tal-esponent huma milquta, hi m'għandhiex tirriduċi din l-ordni. Partikolament wara dan it-trappass tas-snin kollha, meta l-prosekuzzjoni kull ma ressqet fil-provi tagħha hija l-possibilita' li r-reat kien jikkomprendi ammont ekwivalenti għal €135,000, ma hemm l-ebda raġuni valida l-għaliex il-Qorti għandha tkompli tipprezumi li l-assi kollha tal-akkużat ġejjin mir-reat ta' *money laundering.*

Addizjonalment, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-liġi, skont l-Artikolu 5(1)(a) tal-Att, jipprovdi li l-Qorti, hi u toħroġ l-Ordni, għandha tistabbilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu lill-akkużat "*sabiex huwa u l-familja tiegħu jitħallilhom għixien deċenti f'ammont, fejn ikun hemm mezzi biżżejjed, ta' tlettax-il-elf u disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (13,976.24) fis-sena.*" Għalkemm il-liġi tgħid li l-Qorti għandha tassigura, li l-akkużat u l-familja tiegħu ikollhom biżżejjed flus biex jitħallilhom għixien deċenti, l-ammont ta' €13,976.24 mhuwiex biżżejjed illum il-ġurnata biex wieħed jassigura għixien deċenti. Din iċ-ċifra kienet waħda li ġiet stabbilita fl-1994 u qatt ma ġiet aġġornata mill-leġislatur. Iċ-ċifra żgur mhix waħda li hija adatatta għall-esponent sabiex hu u familtu jkollu għixien deċenti. Il-liġi m'għandhiex taqbad u tiffissa ammont wieħed li japplika indiskriminatament f'kull każ. Il-liġi m'għandhiex tippreskrivi u tiffissha l-ammont hi stess. Għandu jirriżulta ċar li l-Qorti għandu jkollha diskrezzjoni li tiffissha l-ammont, b'mod proporzjonali hi u tħares l-interessi kemm tal-Istat kif ukoll tal-akkużat, wara li l-Qorti tkun ħadet konjizzjoni tal-fatti speċje tal-każ kif ukoll tal-livell tal-għixien tal-akkużat u l-familja tiegħu.

L-Ordni tal-Iffriżar tapplika mhux biss għall-assi tal-esponent fil-mument meta din l-Ordni ġiet maħruġa. Din tapplika ukoll fir-rigward ta' kwalunkwe assi u/jew dħul futur li qatt jista' jkollu l-esponent. Għaldaqstant, minħabba l-Ordni tal-Iffriżar u l-applikazzjoni tagħha (anke li kieku ċ-ċifra ta' €13,976.24 kienet waħda adegwata), l-esponent m'huwiex f'pożizzjoni li llum il-ġurnata jirċievi dħul jew jżomm assi li b'mod ċar jirriżultaw minn xogħol jew attivita' legali u/jew attivita' li bl-ebda mod m'għandha konnessjoni mal-allegat reat li għalih tressaq. Għaldaqstant, dan x'ifisser? Li persuna li għaddejja minn proċeduri kriminali b'akkuża ta' *money laundering* m'għandu jkollha l-ebda kapaċita' li taħdem iktar u li titħallas xi forma ta' salarju jew tirċievi xi forma ta' dħul jew qliegħ minn attivita' li b'mod ċar mhix reletata mal-allegazzjonijiet li qed isiru fil-konfront tagħha. Lanqas ma' jista' jagħmel użu liberu ta' proprjeta' li ġejja minn wirt li żgur m'għandha l-ebda konnessjoni ma dawn il-proċeduri kriminali u ma hemm l-ebda dubbju dwar il-provenjenza tagħhom.

Ma hemm l-ebda mod li oġġettivament wieħed jista' jargumenta li l-miżuri li ttieħdu fil-konfront ta' Tabone huma miżuri neċessarji u proporzjonali. Lanqas jista' jingħad li huma miżuri li jilħqu l-bilanċ neċessarju sabiex wieħed jissalvagwardja d-drittijiet fundamentali tal-bniedem partikularment meta wieħed jieħu akkont tal-fatt li li ilhu għaddej b'dawn il-proċeduri sa mis-sena 2013, il-prosekuzzjoni għadha m'għalqitx bil-provi tagħha u sa' issa l-uniku indikazzjoni min-naħa tal-prosekuzzjoni hija li allegat gwadann illeċitu li seta' akkwista l-esponent huwa fl-ammont ta' $150,000 ekwivalenti għal €135,000. Minflok, bil-pożizzjoni li ħadet il-Qorti tal-Maġistrati fid-digriet tagħha ta' 2 ta' Mejju 2022, l-aspettattiva hija li l-esponent għandu bżonn jistenna sal-konklużjoni tal-proċeduri kriminali sabiex ikun jista' jagħmel użu mill-proprjeta' tiegħu. Is-sitwazzjoni assurda hija li, bir-rifjut tal-Qorti li tirriduċi l-Ordni tal-Iffriżar, f'każ li Tabone jinstab ħati, huwa għandu il-fakolta' li jagħmel applikazzjoni sabiex tiġi liberata l- proprjeta' li żgur tkun ġiet f'idejh legalment. F'każ li jiġi liberat, Tabone jkun soffra preġudizzju u inġustizzja sproporzjonata u irraġonevoli għal dawk is-snin kollha mingħajr raġuni valida.

Filwaqt li Tabone jikkonċedi li ordni ta' iffriżar tista' tkun oġġettivament ġustifikata, jissottometti umilment li l-liġi, l-prosekuzzjoni u l-Qrati tagħna jużaw dan l-istrument mingħajr ma jsir ebda forma ta' analiżi jew konsiderazzjoni ta' proporzjonalita' bir-riżultat li l-ordni hija oppressiva, tiċħdu mid-dritt li jagħmel użu u jgawdi l-proprjeta' tiegħu u b'mod ċar tmur kontra l-preżunzjoni tiegħu tal-innoċenza.

Huwa għalhekk li l-esponent jissottometti umilment li d-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti taħt l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-drittijiet tal-Bniedem ("**il-Konvenzjoni Ewropea**") kif ukoll l-Artikolu 39 tal – Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

l-istess rikorrent issokta billi talab lill-Qorti jogħġobha:

(a) Tiddikjara li l-Att, inkluż, b'mod partikolari, l-Artikolu 5 li jirregola l-ħruġ tal-Ordni tal-Iffirżar u/jew il-ħruġ tal-Ordni tal-Iffriżar jilledi drittijiet fundamentali tal-bniedem tal-esponent kif protetti mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 39 (1) u (5) tal–Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 (1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea; u/jew

(b) Tiddikjara li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li iżżomm fis-seħħ l-Ordni tal-Iffriżar u ma tirriduċihiex kif mitlub hija leżiva d-drittijiet fundamentali tal-bniedem tal-esponent kif protetti mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 39 (1) u (5) tal –Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 (1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea; u/jew

(c) Tordna li għaldaqstant l-esponent sofra ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif protetti mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Protokol 1 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-Artikolu 39 (1) u (5) tal –Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 (1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea; u/jew

(d) Tordna li l-Ordni tal-Iffriżar għandha tiġi ridotta għall-ammont ta' €135,000, jew għal xi ammont ieħor raġonevoli li din il-Qorti għandha tiddetermina; u/jew

(e) Tordna li jiġu rilaxxati l-proprjeta' u l-assi tal-esponent li jirriżultaw li ġew akkwistati minn attivita' legali; u/jew

(f) Tordna li kwalunkwe dħul jew proprjeta' li l-esponent jakkwista mid-data ta' dan ir-rikors ma jkunx milqut mill-Ordni tal-Iffriżar; u/jew

(g) Tordna li l-intimati jħassu lill-esponent kumpens xieraq u danni morali, tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ; u/jew

(h) Tagħti kull provvediment jew rimedju ieħor li din il-Qorti tħoss li huwa opportun.

2. Rat ir-risposta mressqa mill-intimati fid-19 ta' Diċembru 2022[14], li permezz tagħha huma eċċepew hekk:

1. Illi preliminarjament, l-Avukat Ġenerali mhux il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri għaliex l-aġir tiegħu ċertament huwa wieħed legali u qiegħed, flimkien mal-Qorti, japplika l-liġi kif inhi fil-preżent;

2. Illi preliminarjament ukoll u bla preġudizzju, l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni huwa mproponibbli fil-proċeduri preżenti għaliex skont l-artikolu 37(2)(h):

   *"(2) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tinftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta' xi liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà – ...*

   *(h) fl-esekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' qrati;*".

   Peress li hawnhekk qed nitkellmu dwar ordnijiet ta' qorti, għalhekk l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma japplikax għall-każ in diżamina;

3. Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, għal dak li jirrigwarda l-mertu, l-esponenti jiddikjaraw li t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex ma jirriżulta l-ebda ksur tal-Artikoli 37 u 39(1) u (5) tal-Kostituzzjoni u lanqas tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u l-Artikolu 6(1) u (2) tal-Konvenzjoni u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

4. Illi l-ordni tal-iffriżar mertu ta' dawn il-proċeduri ma nħarġitx fl-arja iżda nħarġet a bażi tal-liġi u ċjoe taħt l-artikolu 5 tal-Kap. 373 u l-artikolu 23A tal-Kap. 9. Fil-verita', b'ħarsa lejn dawn iż-żewġ artikoli turina kif l-artikolu 23A tal-Kap. 9 jirreferi għall-artikolu 5 tal-Kap. 373 li jirrifletti dak kollu li hemm miktub fl-artikolu 22A tal-Kap. 101 u għalhekk hemm xebh bejn dawn l-artikoli kollha. Fil-fatt, meta fl-2014 ġie emendat l-artikolu 22A tal-Kap. 101 permezz tal-Att IV tal-2014 fejn ġew introdotti l-paragrafi (7), (8) u (9) tal-Artikolu 22A tal-Kap. 101, fid-dibattiti parlamentari[15] ntqal kif ġej:

---

[14] Fol.22.

[15] LAQGĦA NRU 19, L-Erbgħa, 5 ta' Marzu, 2014.

*"**Clause 27** - Amendment of the Dangerous Drugs Ordinance. Cap. 101.*

***THE CHAIRMAN:** Rimarki? L-Onor. Owen Bonnici.*

***ONOR. OWEN BONNICI:** F'din il-klawsola se nagħmlu emendi tekniċi żgħar fuq il-kwestjoni tal-freezing orders.*

***DR DONATELLA FRENDO DIMECH:** Xejn ġdid, dawn diġà jeżistu fil-Kodiċi Kriminali u anke fil-Prevention of Money Laundering Act. Dan se jsir għax ikollna każijiet fejn għalkemm id-diċitura tal-liġi tobbliga qorti li malli tintalab mill-pulizija toħroġ ordni ta' iffriżar, sfortunatament xi kultant qed ikollna posponiment biex tingħata dik id-deċiżjoni u **ovvjament wieħed jiġi alerted**, allura ladarba ssir it-talba u l-Qorti tipposponi biex tagħti d-digriet tagħha għall-għada jew għal pitgħada jew għal ġimgħa ta' wara, **dan ikun laħaq ċaqlaq il-flus u allura jixxejjen l-iskop li jkollok freezing order**. Għaldaqstant hawnhekk qed inġibu l-proċeduri rigward ir-reati differenti in line. Ma nistgħux napplikaw il-Criminal Code Provision għal tad-drogi għaliex l-artiklu 23 innifsu tal-Kap. 9 jistipula li l-provisions tal-Criminal Code ma japplikawx la għall-Att u lanqas għall-Ordinanza, u allura kellna nilleġiżlaw biex inkunu iktar preċiżi.*" (enfasi miżjud);

5. Minn dan joħroġ b'mod lampanti kemm hu neċessarju l-Ordni ta' Iffrizar għaliex permezz ta' tali ordni, imputat mixli bil-kummissjoni ta' reat rilevanti jinżamm milli "*jiddisponi minn dawk il-flejjes jew proprjeta' li l-provenjenza u l-użu tal-istess tkun gejja minn attivita' kriminali u dan fl-interess tal-kollettivita'. Illi hekk kif gie ritenut fis-sentenza **<u>Angelo Zahra vs Avukat Generali</u>**:*[16]

*'Ordni bhal dan jissarraf f'mizura procedurali kawtelatorja, temporanja u mehtiega, sakemm jintemmu l-proceduri kriminali li tahthom ikun inghata dak l-Ordni.'*

*Dan isir stante l-fatt illi jekk l-imputati jinsabu hatja, jigu kkonfiskati favur l-istat dawk l-assi kollha li huma frott ta' xi attivita' kriminali."*[17]

6. Illi safejn l-ilment tar-rikorrenti huwa msejjes fuq l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jirrileva li skont il-*proviso* tal-istess artikolu, l-

[16] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar it-22 ta' Ottubru, 2019.
[17] Silta meħuda mid-digriet datat 27 ta' Jannar 2022 maħruġ mill-Qorti Kriminali fil-proċeduri: Il-Pulizija vs Sebastian Dalli – anness ma' din in-nota.

Istat għandu kull jedd li jgħaddi dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa, f'dan il-każ sabiex jipproteġi r-rikavat ta' kull reat kriminali. Għaldaqstant, l-esponenti jissottolineaw li din il-miżura hija għal kollox neċessarja għaliex ir-reat li qed nitkellmu dwaru huwa gravuż. Tali miżura hija **leġittima, ġustifikata u proporzjonata u taqa' taħt l-interessi tal-Istat li jżomm is-sigurtà pubblika u dan sabiex jiġi evitat jew jitwaqqaf id-diżordni jew egħmil kriminali u jiġi assigurat li flus li ġejjin minn reati ma jintużawx għall-benefiċċju ta' min jikkommetti l-istess reati**;

7. L-interess ġenerali meta jkun hemm ħruġ ta' Ordni ta' Iffriżar huwa li fejn hemm suspett li twettaq reat, jittieħdu miżuri konservattivi, kawtelatorji u preżervattivi sabiex, kemm jista' jkun, ma jitħalliex li proprjeta' frott ta' attivita' kriminali tisfaxxa fix-xejn jew tinħeba. Għalhekk, tali Ordni huwa neċessarju sakemm jintemmu l-proċeduri kriminali li taħthom ikun ingħata dak l-Ordni. Illi bħala sostenn għal dan, l-esponenti jagħmlu referenza għad-deċiżjoni Premier Leasing and Investments Company Limited vs L-Avukat tal-Istat et datata 6 ta' Frar 2015 fejn ġie mgħallem li:

   "*...huwa fl-interess tas-soċjeta' in ġenerali li l-ordni tal-iffrizar tal-assi tingħata u tiġi applikata sabiex b'dan il-mezz provviżorju u kawtelatorju jiġi żgurat il-proprjeta' akkwistata b'attivita' kriminali li hija ta' detriment kbir għas-soċjeta' tiġi konfiskata f'każ ta' sejbien ta' ħtija*;"

8. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, fl-għerf u fl-esperjenza tagħha rat li kien hemm lok li din l-Ordni tinħareġ u huwa wkoll fl-interess ġenerali li dan iseħħ. Ċertament, li twaqqaf reat kriminali milli jseħħ jew ikompli jseħħ u li tinvestiga l-każ, huma fl-interess pubbliku;

9. Illi persuna li tkun qed tiġi investigata u mbagħad akkużata dwar reati serji, **ser ikollha taffaċċja ċertu restrizzjonijiet, fosthom bil-ħruġ ta' ordni ta' ffriżar**. Fl-aħħar mill-aħħar, ir-rikorrent, minkejja li jibqa' preżunt innoċenti sad-data tas-sentenza finali, m'għandux jippretendi li ma jkollu l-ebda restrizzjoni f'ħajtu meta huwa akkużat li kkommetta reati daqstant gravi. Is-serjeta' titlob li jittieħdu prekawzjonijiet f'ħinhom u f'waqthom iżda b'mod proporzjonat, proprju kif teżiġi l-liġi li qed tiġi attakkata hawnhekk;

10. Iżda xorta waħda, minkejja li hemm ċertu restrizzjonijiet, kif isemmi sew ir-rikorrenti, il-liġi ai termini tal-artikolu 5(3) jagħti fakulta' lill-Qorti li tkun ħarġet l-ordni ta' ffriżar,

sabiex "***f'ċirkostanzi partikolari***", tibdel dik l-ordni. Dan jimplika allura li hemm ċertu flessibilita' u anki ċertu possibilitajiet, inkluż anki ħatriet ta' amministraturi li jkunu jistgħu jmexxu negozju, bħalma ġara f'każijiet oħrajn. Ir-rikorrent qed isemmi li **minkejja li l-liġi tippermetti li f'ċirkustanzi partikolari dik l-ordni tinbidel** (ara paragrafu 19 tar-rikors promotur), qed jgħid li l-Qrati tagħna ħadu pożizzjoni li ma jirriduċux l-ammont applikabbli għall-iffriżar. L-esponenti ma jaqbilx ma' dan għaliex kien hemm każijiet fejn il-Qorti tal-Maġistrati llimitat l-Ordni sas-somma li f'dak l-istadju irriżulta li kien irċieva l-imputat (ara Ir-Repubblika ta' Malta vs Vincent Buhagiar[18]) u bl-istess mod ċaħdet talba għall-varjazzjoni tal-Ordni fejn l-ammont tar-rikavat kien għadu ma ġiex stabbilit fil-proċeduri fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Florinda Sultana et[19], kif ukoll kien hemm każ fejn il-Qorti eskludiet minn Ordni ta' din in-natura proprjeta` provenjenti minn wirt għaliex l-istess immobbli ma kinitx provenjenti minn reat (ara Ir-Repubblika ta' Malta vs Yorgen Fenech[20]);

11. Illi r-rikorrenti qed jittanta jbiddel din il-Qorti f'Qorti ta' Appell sabiex li ma jottjenix mill-Qorti ordinarja, jipprova jieħdu minn Qorti oħra. L-esponenti ma jixbgħux jenfasizzaw l-eċċezzjonalita' ta' tali proċeduri fejn il-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti mhix li ssir qorti ta' reviżjoni għal deċiżjonijiet meħuda minn qrati jew tribunali ordinarji jew li din il-Qorti hija xi forma ta' appell minn deċiżjonijiet kriminali jew li din il-Qorti tista' tħassar deċiżjonijiet ta' qrati oħra kif ġieb u laħaq - għaliex dan imur oltre d-dispożizzjonijiet stretti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea;

12. Illi l-artikolu 5(1)(b) tal-Kap. 373 jipprovdi li proprju f'dik l-ordni, il-qorti għandha tistabbilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu lil jew jiġu riċevuti mill-akkużat filwaqt li jkun qed iseħħ dak l-ordni u dan sabiex ir-rikorrenti u l-familja tagħhom jitħallilhom għixien deċenti. Minkejja li r-rikorrent iqis li s-somma ta' €13,976.24 ma tippermettilux ikompli jkollu għixien diċenti, wieħed irid janalizza l-mod ta' għixien li huwa mdorri bih ir-rikorrent. Għalhekk il-kwistjoni ta' x'inhu diċenti jew le għandu jiġi analizzat mil-lat oġġettiv iktar milli mil-lat suġġettiv. Dan għaliex min ikun imdorri fil-lussu, l-ammont mogħti bil-liġi żgur li mhux ser jissodisfah, imma għal min hu mdorri bil-paga minima, tali ammont offrut mil-liġi huwa biżżejjed u, fil-

[18] Digriet tal-Qorti tal-Maġistrati, tas-17 ta' Jannar 2022.
[19] Digriet tal-Qorti tal-Maġistrati, tal-24 ta' Jannar 2022.
[20] Digriet tal-Qorti tal-Maġistrati, tas-17 ta' Jannar 2022.

verita', iktar minn biżżejjed! Di fatti, ħarsa lejn is-sit elettroniku tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg[21] kif ukoll għal dan is-sit - https://countryeconomy.com/national-minimum-wage/malta, juruna kif, il-paga minima nazzjonali hija ferm inqas mill-ammont imsemmi fil-liġi u li qed jiġi attakkat mir-rikorrent;

13. Illi l-fatt li l-leġislatur ħaseb għal dawn il-miżuri speċjali ma jfissirx li allura qed jimmina l-preżunzjoni ta' innoċenza tal-individwu li kontrih inħarġet tali ordni. Meta wieħed jifhem l-għan wara tali ordni maħruġ mill-Qorti, jemmen fl-importanza li tali ordni tibqa' fis-seħħ tul il-proċeduri – dejjem bħala mezz kawtelatorju, sakemm din l-Onorabbli Qorti ma tqisx li hemm raġunijiet validi sabiex tali ordni tiġi varjata. L-esponenti għalhekk iqisu li ma hemm assolutament l-ebda ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

14. Illi l-esponenti fehmu l-ilment tar-rikorrenti fil-konfront tal-artikolu 5 tal-Kap. 373, iżda qed jistiednu lir-rikorrenti jfissru b'liema mod u manjiera l-artikoli kollha l-oħra tal-Kap. 373 qegħdin allegatament jiksru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

15. Illi l-esponenti jqisu li ġaladarba l-Qorti kompetenti rat li ma kienx hemm lok għal tibdil fl-Ordni tal-Iffriżar, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tiġi mlibbsa bi rwol li mhux tagħha għaliex mhux l-irwol tagħha li tordna li l-ordni tal-iffriżar għandu jiġi ridott għall-ammont ta' €135,000 jew xi ammont ieħor; li tordna li jiġu rilaxxati proprjetajiet u assi li skont ir-rikorrent ġejjin minn attivita' legali; u li tordna li mid-data ta' dan ir-rikors kwalunkwe dħul/proprjeta' li l-esponent jakkwista ma jkunx milqut bl-ordni. B'dan ma rridux infissru li din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex is-setgħa tagħmel dak li qed tiġi mitluba mir-rikorrenti. Li qed ngħidu huwa li dak li qed jintalab mir-rikorrenti huwa fil-mansjoni tal-Qorti ordinarja. Issa ġaladarba l-Qorti ordinarja ma laqgħetx it-talbiet tar-rikorrenti, ma jfissirx li allura d-drittijiet tar-rikorrenti ġew mittiefsa u li allura nibdew nifthu kawżi kostituzzjonali biex li ma tagħtinix qorti tagħtihuli qorti oħra. Fid-dawl ta' dan kollu, l-ebda kumpens mhu dovut lir-rikorrent;

16. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kollha

[21] https://dier.gov.mt/mt/Kundizzjonijiet-tal-Impieg/Pagi/Pages/Paga-Minima-Nazzjonali.aspx

> kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrent ma sofra l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fondamentali.
>
> Bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.

3. Rat li waqt l-udjenza tas-26 t'April 2024[22], id-difensur tar-rikorrenti ddikjarat li huwa kien qiegħed jirtira r-raba' talba tiegħu minħabba tibdil fil-leġiżlazzjoni li seħħ fil-mori tal-kawża;

4. Rat ix-xiehda u d-dokumenti kollha miġbura, kif ukoll l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

5. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub li ġew preżentati;

6. Rat li l-kawża ġiet differita għal-lum sabiex tiġi deċiża;

Ikkunsidrat:

7. Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent li qed jgħid li ġarrab ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu għat-tgawdija tal-proprjetà u għal smigħ xieraq, liema drittijiet huma protetti mill-artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll mill-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan minħabba ordni ta' ffriżar maħruġ kontrih b'rabta ma' proċeduri kriminali li huwa jinsab għaddej minnhom.

8. Il-fatti tal-każ jistgħu jiġu riassunti fil-qosor permezz tal-paragrafi li ġejjin:

    a) fid-19 ta' Frar 2013, ir-rikorrent ġie mixli quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja b'diversi reati ta' korruzzjoni, frodi u b'ħasil ta' flus, u dan b'konnessjoni ma' fatti li seħħew meta huwa kien Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta u membru ta' kumitat partikolari li kien inkarigat dwar *fuel procurement*[23];

[22] Fol.419.
[23] Fol.125-128.

b) dakinhar li ġie mixli, l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja ordnat il-ħruġ ta' ordni ta' ffriżar (li minn issa 'l quddiem se jissejjaħ biss bħala «l-Ordni») skont id-dispożizzjonijiet tal-Att kontra *Money Laundering*[24] (minn issa 'l quddiem imsejjaħ biss «l-Att»)[25];

c) permezz tal-Ordni[26], il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja «*ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, il-flejjes u l-proprietà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew jkunu jmissu lil Tancred Tabone jew li jkunu proprietà tiegħu kif ukoll l-assi li jkunu dovuti lil jew huma proprjetà tas-segwenti soċjetajiet: … … In oltre l-Qorti qed tipprojbixxi Tancred Tabone u lis-soċjetajiet … … milli jittrasferixxi/u, jagħti/u b'rahan, jipoteka/w jew xort'oħra jiddisponi/u mill-proprjetà tiegħu/tagħhom, mobbli jew immobbli, u dan ai termini ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kap.373 tal-Liġijiet ta' Malta, u ta' l-artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta*»;

d) l-Ordni ġie varjat (i) b'dikriet mogħti fil-25 ta' Frar 2013, li bih tħalla fis-seħħ fil-konfront tar-rikorrent biss, u tħallew barra s-soċjetajiet li qabel kienu ċitati fl-istess ordni[27]; (ii) b'dikriet mogħti fil-11 t'April 2013, li bih ir-rikorrent tħalla jittrasferixxi proprjetà immobbli «*u illi nofs l-introjtu appartenenti lil Tancred Tabone u lil martu għandu jmur sabiex jiġi ffinanzjat il-faċilità mal-Bank APS Bank Ltd*»[28]; (iii) b'dikriet mogħti fit-8 ta' Novembru 2013, ir-rikorrent ġie awtorizzat jittrasferixxi proprjetà immobbli oħra, b'dan li d-dħul mill-bejgħ kellu jkun milqut bl-Ordni minflok il-proprjetà trasferita[29]; (iv) b'dikriet mogħti fl-20 ta' Novembru 2014, ir-rikorrent ġie awtorizzat jittrasferixxi azzjoni waħda fil-kumpanija Forum Operations Limited[30]; (v) b'dikriet mogħti fit-18 t'Awwissu 2017, ir-rikorrent ġie awtorizzat jittrasferixxi flus li kellu f'kontijiet f'żewġ banek f'kontijiet mal-istess banek fejn huwa kellu bilanċ negattiv, kif ukoll awtorizzat il-bejgħ ta' xi proprjetajiet immobbli b'nofs ir-rikavat jintuża biex jitħallsu l-bilanċi negattivi li huwa kellu mal-banek, u jekk ikun hemm

[24] Kapitolu 373 tal-liġijiet ta' Malta.
[25] Fol.38-40.
[26] Fol.11-12.
[27] Fol.165-166.
[28] Fol-168-169.
[29] Fol.171.
[30] Fol.173.

bilanċ pożittiv, jibqa' soġġett għall-Ordni[31]; (vi) b'dikriet tas-6 t'Ottubru 2017, ir-rikorrent ġie awtorizzat jittrasferixxi vettura bl-obbligu li r-rikavat jiġi depożitat f'kont bankarju u jibqa' soġġett għall-Ordni[32]; (vii) b'dikriet mogħti fit-2 ta' Mejju 2018, ir-rikorrent ġie awtorizzat ma jibqax azzjonist f'soċjetà partikolari u minflok isir azzjonist f'soċjetà oħra b'konsegwenza ta' eżerċizzju ta' ristrutturazzjoni li kien qed isir fil-grupp ta' kumpaniji li minnu huwa għandu sehem[33]; (viii) b'dikriet mogħti fil-25 t'Awwissu 2020, ir-rikorrent ġie awtorizzat jiddisponi minn vettura permezz ta' *scrapping*[34]; (ix) b'dikriet ieħor tal-15 ta' Diċembru 2021, il-Qorti awtorizzat id-depożitu f'kont bankarju tar-rikorrenti ta' somom imħallsin mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u awtorizzat ukoll ir-rilaxx tas-somma ta' €13,976.24 fis-sena minn dan il-kont[35]; (x) b'dikriet ieħor mogħti fil-31 t'Ottubru 2022, ir-rikorrent ġie awtorizzat jagħmel ħlas fuq polza t'assikurazzjoni[36];

e) sakemm inbdiet din il-kawża, il-kumpilazzjoni kontra r-rikorrent kienet għadha pendenti[37];

f) ir-rikorrent jgħid li mix-xiehda li ngħatat kontra tiegħu, jirriżulta li l-akkuża fil-konfront tiegħu hija fis-sens li huwa bbenefika fl-ammont ta' $150,000 dollaru biss. Jidher li r-rikorrent qed jorbot din is-sottomissjoni tiegħu max-xiehda mogħtija fil-konfront tiegħu minn George Farrugia waqt l-udjenza tal-5 ta' Diċembru 2013[38], fejn però jissemmew figuri fl-ammont ta' $100,000 u $300,000 anki jekk mhux interament attribwibbli lir-rikorrenti;

g) ir-rikorrent jgħid li huwa ressaq rikors quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja fit-18 ta' Marzu 2022 li bih talab, a tenur tal-artikolu 5(3) tal-Att, il-varjazzjoni tal-Ordni b'mod li dan jiġi ridott biex jolqot is-somma ta'

---

[31] Fol.175-176.
[32] Fol.181-182,
[33] Fol.185.
[34] Fol.187.
[35] Fol.189.
[36] Fol.200-201.
[37] Fol.38-105.
[38] Ara fol.135.

$150,000, ekwivalenti għal €135,000. B'dikriet mogħti fit-2 ta' Mejju 2022[39], dik il-Qorti ċaħdet it-talba;

h) fix-xiehda tiegħu, ir-rikorrent iwettaq elenku ta' proprjetà li huwa kiseb matul is-snin ħamsin u sebgħin u li huma milquta bl-ordni ta' iffriżar[40]. Huwa ressaq ukoll bħala xhud tiegħu lil Raphael Aloisio, awditur, li spjega liema proprjetà konsistenti minn kapital azzjonarju għandu r-rikorrent u l-provenjenza tagħha[41];

i) fis-sena 2022, il-paga minima nazzjonali annwali f'Malta kienet ta' €9,507, filwaqt li l-paga medja annwali kienet ta' €20,964[42]. Il-valur ta' somma li fl-1986 kienet ta' Lm6,000 (jew €13,976) fis-sena 2023 kien ta' €30,532[43];

j) fid-9 ta' Frar 2024, daħal fis-seħħ l-Att VI tal-2024, u minħabba f'hekk ir-rikorrent ressaq rikors quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja li bih talab lil dik il-Qorti «*sabiex tirregola l-Ordni ta' Iffriżar maħruġa fil-konfront tiegħu fid-19 ta' Frar, 2013 skond ma jingħad fil-paragrafu (a) tas-subinċiż (3) ta' l-artikolu 32 ta' l-Att VI ta' l-2024 u sabiex tipproċedi skond il-paragrafi (b) u (c) ta' l-imsemmi subinċiż u tillimita dan l-Ordni għal dawk l-assi speċifiċi indikati mill-prosekuzzjoni jew għall-proprjetà li jkollha valur li ma jkunx akbar minn dik is-somma flus*», liema talba ġiet milqugħa fil-5 ta' Marzu 2024[44] b'dikriet li permezz tiegħu il-prosekuzzjoni ingħatat terminu ta' disgħin jum biex tikkwantifika l-allegat ammont tar-rikavat illegali. B'nota preżentata f'Ġunju 2024, il-prosekuzzjoni ndikat il-valur ta' €370,000[45].

Ikkunsidrat:

9. Illi l-ilmenti tar-rikorrenti jistgħu jiġu kkunsidrati fis-segwenti kategoriji:

---

[39] Fol.17.
[40] Ara x-xiehda bl-affidavit tar-rikorrenti, minn fol.253-254, u d-dokumenti mehmuża miegħu.
[41] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Raphael Aloisio, minn fol.298-301.
[42] Ara x-xiehda ta' Charlene Abela, a fol.109-110.
[43] Ara x-xiehda ta' Vanessa Dimech, a fol.214-215.
[44] Fol.425.
[45] Fol.430.

i. l-Ordni kif maħruġ jolqot assi b'valur li jeċċedi bi kbir l-ammont li dwaru huwa jinsab mixli, kif ukoll jolqot assi li m'għandhom ċertament ebda konnessjoni mal-fatti li dwarhom huwa ġie mixli;
ii. it-talbiet tiegħu biex l-effetti ta' dan l-Ordni jiġu ridotti ġew miċħuda;

10. Qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tqis it-talbiet tar-rikorrent fil-meritu tagħhom, se tqis iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati.

11. Bl-ewwel eċċezzjoni tagħhom, l-intimati jsostnu li l-Avukat Ġenerali m'huwiex il-leġittimu kontradittur tal-azzjoni tar-rikorrenti.

12. Fil-kawża ***Joseph Abela vs. L-Onorevoli Prim'Ministru***[46] intqal hekk:

> F'kawżi ta' natura kostituzzjonali bbażati fuq id-drittijiet fundamentali, il-leġittimi kontradittur ta' dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tlett kategoriji. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma direttament jew indirettament, responsabbli, għall-kummissjoni jew ommissjoni, ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-liġi. Fit-tieni kategorija huma dawk li għall-ommissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni ta' l-ewwel kategorija jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta' dritt fundamentali, tissanzjona. It-tielet kategorija mbagħad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawża, meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi proċedura ġudizzjarja.

13. L-artikolu 347A tal-Kodiċi Kriminali jgħid:

> 347A. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1), (2) u (3) tal-artikolu 346, l-Avukat Ġenerali għandu jkollu l-funzjonijiet u s-setgħat li ġejjin:
> (a) li jiddelega lill-Kummissarju tal-Pulizija s-setgħat ta'prosekuzzjoni vestiti fl-Avukat Ġenerali; u
> (b) minkejja dak provdut f'xi liġi oħra, u fid-diskrezzjoni tiegħu, imexxi prosekuzzjoni waħdu jew mal-Pulizija Eżekuttiva jew ma' xi awtorità oħra li jkollha s-setgħa li tmexxi prosekuzzjoni.

---

[46] 7 ta' Diċembru1990. Ara wkoll ***Joseph Mary Vella et vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija et*** (Qorti Kostituzzjonali, 6 t'Awwissu 2001).

14. Imbagħad l-artikolu 2(1) tal-Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali[47] jipprovdi li: «*L-Avukat Ġenerali jkun l-Uffiċjal Prosekutur Ewlieni f'Malta u jkollu dawk is-setgħat f'dak li għandu x'jaqsam ma' proċedimenti kriminali u kif jista' minn żmien għal żmien jiġi provdut bil-liġi. Fit-twettiq tas-setgħat tiegħu li jibda, imexxi jew itemm proċedimenti kriminali l-Avukat Ġenerali għandu jeżerċita dawk is-setgħat skont il-ġudizzju personali tiegħu*».

15. Fil-fehma tal-Qorti, huwa ċar li l-liġi tvesti fl-intimat Avukat Ġenerali l-funzjoni ta' prosekutur ewlieni, bis-setgħa li jiddelega l-prosekuzzjoni ta' xi azzjoni jew azzjonijiet penali lill-Kummissarju tal-Pulizija. Din il-fehma hija fortifikata ulterjorment b'effett ta' dak li jipprovdi l-artikolu 3(b) tal-Ordinanza preċitata:

> Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 2 l-Avukat Ġenerali għandu jkollu l-funzjonijiet u s-setgħat li ġejjin:
> …
> (b) li, minkejja dak provdut f'xi liġi oħra, u fid-diskrezzjoni tiegħu, waħdu jew mal-Pulizija Eżekuttiva jew ma' xi awtorità oħra li jkollha s-setgħa li tmexxi prosekuzzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kemm bħala qorti ta' ġudikatura kriminali u kemm bħala qorti istruttorja, imexxi l-prosekuzzjoni jew jassisti fil-prosekuzzjoni ta' kull reat li dwaru persuna tkun tressqet quddiem dik il-qorti:
> Iżda għall-finijiet tat-twettiq ta' dak provdut f'dan il-paragrafu kull artikolu tal-Kodiċi Kriminali jew ta' xi liġi oħra li jvesti xi funzjoni jew setgħa dwar it-tmexxija ta' proċeduri fil-qorti fil-prosekuzzjoni ta' reati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-Pulizija Eżekuttiva jew f'xi awtorità oħra li jkollha s-setgħa li tmexxi l-prosekuzzjoni għandu jitqies li jkun qiegħed ivesti dik il-funzjoni jew setgħa wkoll fl-Avukat Ġenerali;

16. Dan ifisser li l-Avukat Ġenerali, għad illi ma jweġibx għall-ilmenti tar-rikorrenti li l-artikolu 5 tal-Att kif kien fis-seħħ qabel l-emendi li saru fil-mori tal-kawża jikser il-jeddijiet fondamentali tiegħu, huwa parti fil-proċeduri kriminali li b'rabta magħhom inħareġ l-Ordni. Huwa fuq talba tal-prosekuzzjoni li nħareġ l-Ordni. Għalhekk huwa xieraq li l-Avukat Ġenerali jkun parti anki f'din il-kawża, sabiex kull deċiżjoni jew

[47] Kapitolu 90 tal-liġijiet ta' Malta.

ordni li jistgħu jingħataw jorbtu lilu wkoll, bħala parti f'dawk l-istess proċeduri penali. Kif osservat il-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni ***Michael Farrugia et vs. L-Avukat Ġenerali et*** (6/10/2020):

> Fil-ġurisprudenza sabiex ġudizzju jkun integru jeħtieġ li jipparteċipaw fih dawk kollha li huma nteressati fil-kawża. B'hekk tiġi assigurata kemm jista' jkun l-effikaċja tal-ġudizzju inkwantu dan jorbot biss lil dawk li jkunu parteċipi fih, kif ukoll jiġi rispettat il-prinċipju tal-ekonomija tal-ġudizzju sabiex tiġi evitata multipliċita` ta' kawżi. Il-ġudizzju jibqa' integru mill-mument li jieħdu parti fih dawk li jkollhom id-dritt, u dawk li kontra tagħhom dak l-istess dritt jikkompeti.

17. Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati hija miċħuda.

Ikkunsidrat:

18. Illi bit-tieni eċċezzjoni tagħhom, l-intimati jgħidu li l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma japplikax għall-każ odjern.

19. Sa fejn jirrigwarda l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti tosserva li l-protezzjoni mogħtija minn dan l-artikolu tmur lil'hinn minn sitwazzjonijiet fejn isseħħ «deprivazzjoni totali» tal-proprjetà[48]. L-intimati però jeċċepixxu li l-fattispeċi tal-każ odjern jaqgħu taħt waħda mill-esklużjonijiet kontenuti fit-tieni subinċiż, u ċjoè:

> Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tinftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta' xi liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà –
> ...
> (h) fl-esekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' qrati;
> …

20. Il-Qorti jidhrilha li din l-eċċezzjoni tal-intimati hija fondata, u għalhekk l-eżami tagħha taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jieqaf hawn.

[48] F'dan is-sens hija d-deċiżjoni ***George Tabone et vs. Avukat Ġenerali*** (Qorti Kostituzzjonali, 5 t'Ottubru 2018), kif ukoll il-ġurisprudenza ta' din il-Qorti, kif impoġġija (ara, per eżempju, ***Anthony Cassar et vs. L-Avukat tal-Istat***, Prim'Awla Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, 30 ta' Mejju 2024).

Ikkunsidrat:

21. Illi r-riferenza li saret mill-intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom għar-rimedju li kien disponibbli lir-rikorrenti taħt l-artikolu 23A(5) tal-Kodiċi Kriminali kif kien fis-seħħ fiż-żmien li fih inħareġ l-Ordni se tiġi skartata minn din il-Qorti, la darba l-intimati naqsu, fir-risposta tagħhom, li jissollevaw l-eċċezzjoni dwar id-disponibilità ta' rimedju ordinarju. Ġie diversi drabi deċiż illi ma jistgħux jiġu sollevati eċċezzjonijiet ġodda fin-nota ta' sottomissjonijiet. Kif ingħad fid-deċiżjoni ***Francis Scerri et vs. Anthony Deguara et*** (Qorti Kostituzzjonali, 9/10/2023): «*Tassew kien ikun manifestament inġust li kieku l-Ewwel Qorti ndirizzat argument bħal dan, liema argument ġie mqajjem mill-Avukat tal-Istat fit-tmiem tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, wara li laħqu ngħalqu l-provi kollha tal-partijiet u dan mingħajr ma tat opportunità lill-atturi (u / jew lill-konvenuti Deguara) sabiex jirribattu għal din l-allegazzjoni, u f'ċirkostanzi fejn dan l-argument ma tressaqx formalment bħala eċċezzjoni qabel ma laħqu ngħalqu l-provi tal-partijiet (ara* ***Joe Pisani et v. L-Avukat tal-Istat et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Ottubru, 2022)*».

Ikkunsidrat:

22. Niġu issa għall-meritu.

23. L-Ordni nħareġ bis-saħħa tal-artikolu 5 tal-Att, li kien ġie promulgat kif ġej:

> 5.(1) Meta persuna tiġi akkużata taħt l-artikolu 3 ta' dan l-Att, il-Qorti għandha fuq it-talba tal-prosekuzzjoni tagħmel ordni –
> (a) li jissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew ikunu proprjetà tiegħu, u
> (b) li jipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli:
>
> Iżda l-Qorti għandha f'dak l-ordni tistabbilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu lil jew jiġu riċevuti mill-akkużat fil-waqt li jkun qed iseħħ dak l-ordni, fejn jiġu speċifikati l-għejjun, il-mod u modalitajiet oħra ta' ħlas, inklużi salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali li jitħallsu lill-akkużat, sabiex huwa u l-familja tiegħu jitħallilhom għixien deċenti

f'ammont, fejn ikun hemm mezzi biżżejjed, ta' sitt elef lira Maltija fis-sena:

Iżda wkoll il-Qorti tista' barra minn dan –

(a) tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil kredituri *bona fide* u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni; u
(b) għal raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli.

(2) Dak l-ordni għandu –

(a) jibda jseħħ u jorbot lit-terzi persuni kollha immedjatament malli jsir, u r-Reġistratur tal-Qorti għandu jieħu ħsieb li avviż dwaru jiġi pubblikat mingħajr dewmien fil-Gazzetta, u għandu jieħu ħsieb ukoll li kopja tiegħu tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku dwar proprjetà immobbli, u
(b) jibqa' jseħħ sakemm il-proċedimenti jkunu ġew deċiżi b'mod finali u konklużiv, u fil-każ li persuna tinstab ħatja, sakemm is-sentenza tkun ġiet eżegwita.

(3) Il-Qorti tista' f'ċirkostanzi partikolari tibdel dak l-ordni, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel għandhom japplikaw għal dak l-ordni kif hekk mibdul.

(4) Kull ordni bħal dak għandu jkun fih l-isem u l-kunjom ta' l-akkużat, il-professjoni, is-sengħa jew stat ieħor tiegħu, isem missieru, isem ommu u kunjom ta' xbubitha, post tat-twelid u post ta' residenza u n-numru tal-karta ta' l-identità tiegħu jew ta' dokument ieħor ta' identifikazzjoni, jekk għandu.

(5) Meta xi flus ikunu jew isiru dovuti lill-akkużat mingħand xi persuna fil-waqt li dak l-ordni jkun fis-seħħ, dawk il-flus għandhom, sakemm ma jkunx ordnat xort'oħra f'dak l-ordni, jiġu depożitati f'bank għall-kreditu ta' l-akkużat.

(6) Meta dak l-ordni ma jibqax fis-seħħ kif provdut fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, r-Reġistratur tal-Qorti għandu jieħu ħsieb li avviż f'dak is-sens jiġi pubblikat fil-Gazzetta, u għandu jirreġistra fir-Reġistru Pubbliku nota li tħassar ir-reġistrazzjoni ta' dak l-ordni.

24. Bl-avviż legali 425 tal-2007, iddaħħlet ir-riferenza għall-valuta f'ewro. Bl-avviż legali 426 tal-2012, il-kliem «*u n-numru tal-karta ta' l-identità tiegħu jew ta' dokument ieħor ta' identifikazzjoni, jekk għandu*» inbidlu bil-kliem «*u numru ta' dokument ta'*

*identifikazzjoni legalment validu, jekk għandu*». F'dan l-istat għalhekk kienet din id-dispożizzjoni meta ġie mixli r-rikorrent.

25. Fil-mori tal-proċeduri penali kontra r-rikorrenti, din id-dispożizzjoni nbidlet bl-Att III tal-2015, billi żdiedu s-segwenti subinċiżi:

> (7) Meta l-qorti ma tipproċedix minnufih sabiex tagħmel ordni kif mitlub taħt is-subartikolu (1), il-qorti għandha minnufih tagħmel ordni temporanja ta' ffriżar li jkollha l-istess effett ta' ordni magħmula taħt dan l-artikolu, liema ordni temporanja għandha tibqa' fis-seħħ sa dak iż-żmien li l-qorti tagħmel l-ordni meħtieġa mill-imsemmi artikolu.
>
> (8) Meta għal xi raġuni kwalunkwe l-qorti tiċħad talba magħmula mill-prosekuzzjoni għal ordni taħt is-subartikolu (1), l-Avukat Ġenerali jista', fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni tal-qorti, jagħmel talba lill-Qorti Kriminali biex tagħmel l-ordni meħtieġa u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għall-ordni magħmula mill-Qorti Kriminali taħt dan is-subartikolu daqslikieku kienet ordni magħmula mill-qorti taħt is-subartikolu (1). L-ordni temporanja ta' ffriżar magħmula taħt is-subartikolu (7) għandha tibqa' fis-seħħ sakemm il-Qorti Kriminali tieħu deċiżjoni dwar it-talba.
>
> (9) L-akkużat jista', fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data ta' meta saret l-ordni taħt is-subartikolu (7), jagħmel talba lill-Qorti Kriminali għar-revoka tal-ordni sakemm dik l-ordni tibqa' fis-seħħ sakemm ma tkunx revokata mill-Qorti Kriminali.

26. Imbagħad bl-Att XXXI tal-2019, ir-riferenzi f'din id-dispożizzjoni għar-Reġistratur tal-Qorti ġew sostitwiti b'riferenzi għad-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi. Eventwalment, bl-Att VI tal-2024, l-artikolu 5 ġie sostitwit fl-intier tiegħu biex ġie jaqra:

> Meta persuna tiġi akkużata taħt l-artikolu 3, il-prosekuzzjoni tista' titlob lill-Qorti tal-Maġistrati għal ordni ta' ffriżar u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità għandhom japplikaw

27. Il-Qorti sejra tibda l-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-ilmenti tar-rikorrenti billi tqis li ordnijiet bħal dawk meritu ta' din il-kawża huma miżuri neċessarji u għodda indispensabbli fil-ġlieda li kull Stat huwa mistenni li jwettaq kontra l-kriminalità. Ordnijiet ta' ffriżar bħal dak meritu ta' din il-kawża huma, skont il-liġi, preludju għall-konfiska li eventwalment issegwi f'każ li l-Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali ssib il-ħtija fl-akkużat. F'dik l-eventwalità, huwa neċessarju li l-ħati ma jgawdix il-frott tal-attività kriminali tiegħu u t-tneħħija jew aħjar il-konfiska ta' dak il-frott huwa d-deterrent li jiġġustifika l-eżistenza ta' dawn ix-xorta ta' miżuri. Issa, la darba l-konfiska tista' ssir biss f'każ ta' ħtija u allura wara li jkun ingħalaq il-proċess penali sħiħ, għandu jsegwi li mill-mument li l-persuna suspettata li kisret il-liġi tiġi mixlija sakemm jingħalaq il-proċess kriminali, irid ikun hemm xi forma ta' ordni li jippreserva l-patrimonju tal-akkużat b'mod allura li dak l-attiv li jista' jkun soġġett għall-konfiska ma jiġix dissipat, trafugat jew inkella assimilat f'assi oħrajn li b'hekk iwasslu biex l-akkużat igawdi l-frott tal-kriminalità tiegħu. Din hija r-raġuni li tiġġustifika l-eżistenza tal-ordnijiet tal-iffriżar (ara f'dan is-sens ***Raimondo vs. Italy***, QEDB, 22 ta' Frar 1994).

28. B'danakollu, u dan qed jingħad fil-kuntest tal-ilment tar-rikorrent taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, il-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Ordni bla dubju ta' xejn jikkostitwixxi interferenza fit-tgawdija tal-possedimenti tiegħu. Dan għaliex l-Ordni, għad illi bl-ebda mod ma jnaqqas mill-proprjetà tar-rikorrenti fuq ħwejġu, jaffettwa b'mod sinjifikanti l-użu li huwa jista' jagħmel mill-proprjetà tiegħu. U għad illi, kif diġà osservat il-Qorti, din l-interferenza tinsab ġustifikata mill-interess ġenerali, jibqa' l-fatt li l-Istat huwa fid-dmir li jfittex bilanċ bejn l-eżiġenzi ta' dak l-interess ġenerali u l-interessi tal-individwu li huwa affettwat bl-interferenza in kwistjoni. Kif ġie osservat fid-deċiżjoni ***Apostolovi vs. Bulgaria*** (QEDB, 7 ta' Novembru 2019):

> The freezing of assets in the context of criminal proceedings with a view to making them available to satisfy a possible confiscation, forfeiture or fine is not as such open to criticism (see *Džinić*, § 68, and *Uzan and Others*, § 204, both cited above). But since it carries with it a risk of unduly fettering the ability of the people holding rights in those assets freely to dispose of them, it must be attended by enough procedural safeguards to ensure that the measure is not arbitrary or disproportionate (ibid., as well as *Piras*, cited above, § 55). The available procedures as a whole

> must afford those affected by the freezing a reasonable opportunity of putting their case to the competent authorities with a view to enabling them to strike a fair balance between the competing interests at stake (see *Piras*, § 55, and *Uzan and Others*, § 214, both cited above).

29. Fir-rigward ta' miżura simili bħal dik ikkunsidrata f'din il-kawża, intqal hekk mill-Qorti Kostituzzjonali:

> 14. Il-qorti tosserva, qabel xejn, illi l-fatt illi l-ordni jolqot proprjetà li tiswa aktar mill-proprjetà misruqa li l-attur allegatament laqa' għandu ma jfissirx bilfors u awtomatikament illi l-ordni huwa sproporzjonat. Il-qligħ li jista' jagħmel min jikseb proprjetà bi ksur tal-liġi – fil-każ tallum min jilqa' għandu proprjetà misruqa – ma huwiex neċessarjament daqs id-differenza bejn kemm tiswa l-proprjetà u kemm swielu biex kisibha. Jista' jkun li dak il-qligħ ikun ħaddmu biex kiseb qligħ ieħor, li wkoll għalhekk ikun qligħ mhux mistħoqq u frott ta' ksur tal-liġi.
>
> 15. Aktar minn hekk, iżda, il-Kap. 373 stess jaħseb għal sitwazzjonijiet bħal dawk imsemmija mill-atturi fl-ewwel aggravju tagħhom fejn il-persuna akkużata, soġġetta għall-ordni, tista' ġġarrab telf u danni għax, minħabba l-ordni, tonqos milli tħallas kredituri *bona fide*. Biex l-akkużat ma jġarrabx tbatija żejda u li tista' tkun evitata f'ċirkostanzi bħal dawk, l-art. 5(1) tal-Kap. 373 jipprovdi mhux biss illi l-akkużat jista' jieħu, mill-beni sekwestrati, sa tlittax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena – li l-attur Tabone ġà qiegħed jirċievi –, iżda wkoll illi:
>
> »… … … il-qorti tista' barra minn dan –
> »(a) tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil kredituri bona fide u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni; u
> »(b) għal raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli.«
>
> 16. Din id-disposizzjoni tal-liġi toħloq bilanċ bejn l-interess pubbliku li jinħolqu miżuri biex, min-naħa l-waħda, min ikun ħati ta' reat ma jiħux benefiċċju mill-att ta' delinkwenza, u biex, min-naħa l-oħra, il-persuna akkużata – sa issa meqjusa innoċenti – ma ġġarbx ħsara u tbatija

> safejn dawn jistgħu jiġu evitati bla ma jiddgħajjef il-għan li l-liġi trid tilħaq bil-ħruġ ta' ordni ta' sekwestru.[49]

30. Għall-każ odjern hija rilevanti wkoll id-deċiżjoni ***Sebastian Dalli vs. L-Avukat tal-Istat et*** (Qorti Kostituzzjonali, 30/11/2022) li kienet tirrigwarda l-ħruġ ta' <u>ordni ta' ffriżar skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-liġijiet ta' Malta</u>. F'dik id-deċiżjoni ntqal hekk:

> 27. ...Agħar minn hekk, minħabba l-mod ta' kif ġiet promulgata l-liġi, hekk kif inħareġ dan l-Ordni l-appellat ma kellu l-ebda mod kif jikkontestah għaliex l-Istat naqas milli jpoġġi fis-seħħ mezz ta' appell biex il-persuna konċernata tkun tista' titlob li l-Qorti tirrevedi n-neċċessitá li l-ordni jibqa fis-seħħ u anzi minflok illeġisla li l-Ordni jrid jibqa' fis-seħħ tassattivament sakemm jispiċċaw il-proċeduri fi grad ta' appell jekk ikun il-każ, irrispettivament minn kull fattur li jista' jimmilita kontra ż-żamma fis-seħħ ta' dan l-Ordni. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Džinić v. Croatia** (QEDB, 17/05/2016) fejn instabet leżjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea proprju għaliex:
>
> "*...the impugned seizure of the applicant's real property in the context of the criminal proceedings at issue, although in principle legitimate and justified, was imposed and kept in force without an assessment of whether the value of the seized property corresponded to the possible confiscation claim. The Court therefore finds that the application of such a measure was not adequate to demonstrate that a requirement of "fair balance" inherent in the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1 was satisfied.*"
>
> ...
>
> 29. Għalkemm huwa minnu li din il-kawża mhijiex dwar id-dewmien ta' żmien, iż-żmien li damu għaddejjin il-proċeduri, u r-raġuni għalfejn damu tant għaddejjin hija xorta waħda fattur relevanti sabiex tiġi kkonsidrata l-proporzjonalità tal-ordni tal-iffriżar li min-natura tiegħu huwa intiż sabiex ikun miżura temporanja. Meta jkunu għaddew però tlettax-il sena minn meta nħareġ u l-kawża mhux biss tkun għadha għaddejja iżda tkun għadha fi stadju tal-provi tal-prosekuzzjoni bl-ebda ħjiel dwar meta ser tispiċċa wieħed jibda jiddubita kemm din il-miżura tista'

[49] ***George Tabone et vs. L-Avukat Ġenerali*** (5 t'Ottubru 2018). Fl-istess sens hija wkoll id-deċiżjoni ***Yorgen Fenech vs. Avukat tal-Istat*** (Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' Frar 2024).

tibqa' titqies bħala waħda sempliċiment temporanja. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-ismijiet **Yassin Abdullah Kadi v. European Commission** tal-2010 fejn ġie kkonsidrat hekk:

"*...given that now nearly 10 years have passed since the applicant's funds were originally frozen—it is not now time to call into question the finding ... according to which the freezing of funds is a temporary precautionary measure that, unlike confiscation, does not affect the very substance of the right of the persons concerned to property in their financial assets but only the use thereof. ... In the scale of a human life, 10 years in fact represent a substantial period of time and the question of the classification of the measures in question as preventative or punitive, protective or confiscatory, civil or criminal seems now to be an open one.*"

30. Agħar minn hekk, kif huwa ammess mill-appellanti stess, l-appellat ma kellu l-ebda mezz sabiex jikkontesta dan l-Ordni, u ġie mpoġġi f'pożizzjoni mill-Istat li jibqa' jissubixxi l-Ordni tal-Iffriżar maħruġ kontra tiegħu fl-2009 sakemm il-kawża tiġi deċiża b'mod finali, ikun meta jkun dan u rrispettivament minn kwalunkwe ċirkostanza li setgħet żviluppat fil-frattemp. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Shorazova v. Malta** (QEDB, 03/03/2022) fejn intqal hekk:

"*...the importance of the procedural obligations under Article 1 of Protocol No. 1 must not be overlooked. Thus the Court has, on many occasions, noted that, although Article 1 of Protocol No. 1 contains no explicit procedural requirements, judicial proceedings concerning the right to the peaceful enjoyment of one's possessions must also afford the individual a reasonable opportunity of putting his or her case to the competent authorities for the purpose of effectively challenging the measures interfering with the rights guaranteed by this provision (see G.I.E.M. S.R.L. and Others, cited above, § 302 and the case-law cited therein). An interference with the rights provided for by Article 1 of Protocol No. 1 cannot therefore have any legitimacy in the absence of adversarial proceedings that comply with the principle of equality of arms, allowing discussion of aspects that are important for the outcome of the case.*
*[omissis]*
*According to the Court's case-law, the character of the interference, the aim pursued, the nature of property rights interfered with, and the behaviour of the applicant and the interfering State authorities are among the principal factors*

> *material to the assessment of whether the contested measure respects the requisite fair balance and, notably, whether it imposes a disproportionate burden on the applicants (see Karahasanoğlu, cited above, § 149). While the length of time during which the restrictions remained in place is a crucial part of the Court's assessment, the scope and nature of restrictions as well as the presence or absence of procedural guarantees are no less relevant (ibid., § 151). Indeed in previous cases where lengthy precautionary measures gave rise to a violation of Article 1 of Protocol No. 1, the finding of a violation was based on an accumulation of factors (see for example JGK Statyba Ltd and Guselnikovas v. Lithuania, no. 3330/12, §§ 130-33, 5 November 2013, and Džinić, cited above, §§ 70-82).*"
>
> 31. Għalkemm l-appellanti jgħidu li din is-sentenza appena ċitata mhijiex applikabbli għall-fattispeċi ta' dan il-każ peress li kienet titratta ċirkostanzi partikolari, il-prinċipji ġenerali li jistgħu jinstiltu minn din is-sentenza, u li huma bbażati fuq il-ġurisprudenza preċedenti tal-Qorti, huma applikabbli independentement mill-fatti partikolari tal-każ. Minn din is-sentenza huwa ċar li għalkemm ordni ta' iffriżar huwa miżura leġittima u fl-interess ġenerali (kif huwa aċċettat anke mill-appellat stess) il-Qorti għandha teżamina kemm il-garanziji proċedurali li jeżistu fil-liġi u kif ukoll iċ-ċirkostanzi kollha, inkluż id-dewmien taż-żmien tal-kawża sabiex tiddetermina jekk id-drittijiet fondamentali tal-akkużat sanċiti permezz tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea humiex qed jiġu rispettati. Huwa ċar li dan mhuwiex il-każ hawnhekk għar-raġunijiet ġia spjegati, inkluż id-dewmien ta' żmien tal-proċeduri penali kontra l-appellant u n-nuqqas tal-leġislatur li jpoġġi fis-seħħ għodda legali li tagħti lil qrati ordinarji l-poter li jeżaminaw jekk l-ordni għadux ġustifikat skont iċ-ċirkostanzi tal-każ.

31. Meta wieħed iżomm f'moħħu li l-iffriżar huwa biss preludju għall-konfiska, għandu jsegwi li biex ikun proporzjonat, dak l-iffriżar m'għandux jolqot ġid li m'għandux ikun konfiskat. U għandu jkun soġġett għall-konfiska biss dak il-ġid li jista' jikkostitwixxi rikavat ta' attività kriminali. Però hu minnu dak li osservat il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ***George Tabone*** (fuq ċitat), u ċjoè li r-rikavat soġġett għall-konfiska mhux neċessarjament limitat għall-benefiċċju dirett li l-akkużat ikun kiseb mill-att kriminali, imma jinkludi wkoll il-benefiċċju indirett li huwa jikseb bl-użu jew bit-tgawdija tar-rikavat illeċitu.

32. Meta ġie promulgat l-Att, l-artikolu 3(3) kien jaqra hekk:

> Kull proprjetà ta' persuna jew li tkun fil-pussess ta' persuna jew taħt il-kontroll ta' persuna li tagħmel reat kontra dan l-artikolu għandha, kemm-il darba ma tinġiebx prova kontra, titqies bħala li ġejja minn *money laundering* u tkun tista' tiġi konfiskata jew tittieħed mill-qorti.

33. Iżda dan is-subinċiż kien ġie sostitwit bl-Att III tal-2002, li introduċa subinċiżi ġodda. Il-ħames subinċiż tal-artikolu 3 meta ġie mixli r-rikorrent kien jgħid hekk:

> Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali l-qorti għandha, b'żieda ma' kull piena li għaliha tista' tiġi kkundannata persuna misjuba ħatja ta' reat ta' *money laundering* taħt dan l-Att u b'żieda ma' kull piena li korp magħqud jista' jeħel taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4), tordna t-teħid favur il-Gvern tar-rikavat jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat sew jekk dak ir-rikavat ikun ġie riċevut mill-persuna misjuba ħatja jew mill-korp magħqud imsemmi fl-imsemmi subartikolu (4) u kull proprjetà li tappartjeni lil, jew tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' xi persuna misjuba ħatja kif imsemmi qabel jew ta' korp magħqud kif imsemmi f'dan is-subartikolu għandha, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, titqies li tkun inkisbet mir-reat ta' *money laundering* u tkun suġġetta għal konfiska jew teħid mill-qorti:
>
> Iżda wkoll, għall-finijiet ta' dan is-subartikolu,"rikavat" tfisser xi vantaġġ ekonomiku u kull proprjetà li tiġi jew titnissel, sew b'mod dirett sew mhux dirett, minn xi attività kriminali u tinkludi kull qliegħ jew benefiċċju ieħor miksub minn dik il-proprjetà.

34. Dan juri li l-liġi kif kienet fiż-żmien meta nħareġ l-Ordni kienet toħloq preżunzjoni *iuris tantum* li kull ġid li jkollu l-persuna akkużata kien ġej mir-reat ta' ħasil tal-flus. Dan għalhekk wassal biex ġid li r-rikorrent fil-każ odjern kellu għal żmien twil qabel seħħew il-fatti meritu tal-każ jiġi wkoll milqut bl-Ordni.

35. Il-Qorti tifhem li min jinstab ħati ta' reat kriminali m'għandux igawdi l-frott tal-kriminalità tiegħu. Dan jgħodd mhux biss għall-frott tal-kriminalità, imma anki għal ġid li għalkemm jidher li għandu provenjenza leċita, ikun ġie ppreservat fil-patrimonju

tal-malvivent bis-saħħa ta' ġid ieħor li jkun illeċitu. Hekk, per eżempju, ikun il-każ ta' proprjetà immobbli akkwistata b'self minn bank kummerċjali, liema self iżda jitħallas bi flus provenjenti minn tixħim. Għalhekk il-Qorti taċċetta wkoll li jeżistu ċirkostanzi fejn proprjetà bi provenjenza leċita tiġi iffriżata u anki konfiskata sabiex il-ħati jiġi mġiegħel jagħmel tajjeb għall-benefiċċju ekonomiku li huwa jkun irċieva mill-attività kriminali tiegħu. F'dan is-sens għalhekk l-ilment tar-rikorrent li l-Ordni laqat attiv li jmur lil'hinn mir-rikavat illegali li huwa akkużat dwaru mhux jitqies fondat. Dan fis-sens li dik iċ-ċirkostanza weħidha m'hijiex suffiċċjenti sabiex il-miżura tal-iffriżar titqies sproporzjonata.

36. Il-Qorti hija lesta wkoll li taċċetta li l-preżunzjoni *iuris tantum* maħluqa bl-artikolu 3(5) tal-Att, li wasslet għall-iffriżar tal-attiv kollu tar-rikorrenti, m'hijiex minnha nnifisha u weħidha sproporzjonata. Iżda biex tkun tista' titqies proporzjonata, dik il-miżura għandha tippermetti lill-akkużat b'xi mod jegħleb dik il-preżunzjoni. U sabiex il-preżunzjoni tkun tista' tiġi megħluba, l-akkużat għandu jingħata l-opportunità li jagħmel dan. Mhux biżżejjed, fil-fehma tal-Qorti, li dik l-opportunità tippreżenta ruħha snin wara, u ċjoè meta l-akkużat jiġi biex jikkontesta l-konfiska nnifisha. Dik l-opportunità għandha tkun preżenti wkoll waqt il-kors tal-kawża u fir-rigward tal-ordni tal-iffriżar.

37. Fid-deċiżjoni ***Yorgen Fenech vs. Avukat tal-Istat*** (Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' Frar 2024), intqal hekk:

> Dan iktar u iktar meta l-liġi diġá tipprovdi proċedura sabiex l-attur jitlob lill-Qorti biex tvarja l-ordni ta' l-iffriżar. Fil-fehma ta' din il-Qorti id-diskrezzjoni li għandha l-Qorti li "*f'ċirkostanzi partikolari tibdel dak l-ordni*" (Art. 5(3) tal-Kap. 373), hi wiesa' biżżejjed biex tintlaħaq dik il-proporzjonalitá li hemm bżonn bejn l-interess ġenerali u l-jedd tal-attur, u dan iktar u iktar meta tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami

38. Din il-Qorti taqbel ma' din il-fehma tal-Qorti Kostituzzjonali li l-artikolu 5(3) tal-Att, kif kien fis-seħħ meta nħareġ l-Ordni u għall-parti l-kbira taż-żmien li matulu baqgħu għaddejjin il-proċeduri kriminali kontra r-rikorrenti, kien jipprovdi lill-Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali setgħa f'termini wiesgħa biżżejjed biex tħares li l-Ordni u l-

parametri tiegħu jinżammu fil-limiti neċessarji sabiex jiġi rispettat il-prinċipju ta' proporzjonalità li jeżiġi l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll. Wara kollox hija l-Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali adita bil-proċeduri kriminali li b'rabta magħhom ikun inħareġ l-ordni ta' ffriżar li hija fl-aħjar qagħda biex tiddetermina f'liema parametri għandu jinżammu dak l-ordni sabiex l-element tal-proporzjonalità jiġi sodisfatt.

39. Iżda fil-każ tar-rikorrenti, l-artikolu 5(3) ġie nterpretat mod'ieħor mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja fid-dikriet tagħha tat-18 ta' Marzu 2022.

40. Fil-fehma ta' din il-Qorti, kienet din l-interpretazzjoni wisq restrittiva tal-artikolu 5(3) tal-Att li ma rrispettatx il-ħtieġa ta' proporzjonalità u wasslet b'hekk għall-ksur tad-dritt fondamentali tar-rikorrenti taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll. Il-Qorti fehmet li l-ġurisprudenza li ġiet segwita mill-Qorti tal-Maġistrati fil-każ tar-rikorrent m'hijiex esklussiva, u dan fis-sens li preċedentement id-deċiżjonijiet kienu jsegwu linja oħra li kienet aktar konformi u kompatibbli mal-jedd fondamentali li qed jiġi eżaminat preżentement. F'kull każ, hija l-fehma tagħha li l-artikolu 5(3) kien jiffakoltizza lil dik il-Qorti li tvarja dak l-Ordni anki billi teħles mill-effetti tiegħu ċertu proprjetà li bl-aktar mod ċar tkun tirriżulta li mhux provenjenti minn reat, u meta wkoll ikun jirriżulta li l-akkużat għandu attiv ieħor li bih jista' jagħmel tajjeb għall-benefiċċju ekonomiku li jkun ħa mill-att kriminali f'każ li jinstab ħati. Il-liġi tgħid biss li l-Qorti tista' tvarja l-ordni mingħajr ma tispeċifika jew tillimita kif dik il-varjazzjoni tista' jew għandha ssir. Dan ifisser biss li l-leġiżlatur kien qed iħalli ix-xorta u l-parametri ta' dik il-varjazzjoni fid-diskrezzjoni ta' dik il-Qorti. Diskrezzjoni li tista'u għandha tiġi eżerċitata, u li fil-fehma tagħha, tinkludi sitwazzjonijiet fejn l-ordni ta' ffriżar ikun laqat proprjetà li hija kjarament mhux soġġetta għall-konfiska.

41. Ir-rikorrent ilmenta wkoll mill-fatt li l-ammont li huwa kellu jedd jirċievi matul iż-żmien li fih baqa' fis-seħħ l-Ordni kien biss dak ta' €13,976.24 fis-sena. Matul il-kors tas-smigħ tal-kawża, tressqu xhieda dwar it-tibdil fil-valur tal-flus miż-żmien meta ġie promulgat l-Att sal-lum. Bidla li bla dubju ta' xejn seħħet. Però sabiex il-Qorti ssib li l-limitu mpost fl-artikolu 5(1) tal-Att fuq il-flus li l-akkużat jista' jirċievi sakemm l-Ordni jibqa' fis-seħħ iwassal għal nuqqas ta' proporzjonalità, irid jintwera li dak il-limitu qed iwassal biex ir-rikorrent u l-familja tiegħu ikunu deprivati minn għixien diċenti. Iżda r-

rikorrent naqas milli jressaq provi dwar dan l-aspett, u għalhekk l-ilment tiegħu fir-rigward mhux qed jiġi akkolt.

42. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrenti jirreferi estensivament għall-emendi li saru bl-Att VI tal-2024, u jgħid li b’dawn il-liġijiet ġie ntrodott l-element ta’ proporzjonalità li kien nieqes fl-Att. Jgħid ukoll li l-promulgazzjoni tal-Att VI tal-2024 hija ammissjoni li l-Att ma kienx jirrispetta l-eżiġenzi tal-jeddijiet fondamentali.

43. Il-Qorti hija tal-fehma li ebda ammissjoni bħal dik ma tista’ tiġi inferita mis-sempliċi fatt li l-Istat ikun bidel liġi b’oħra. Jekk leġiżlazzjoni hijiex, jew kinitx, kompatibbli ma’ xi dritt fondamentali huwa eżerċizzju li jrid isir fuq il-meritu proprju tiegħu, u mhux abbażi ta’ konġetturi u spekulazzjoni.

44. Billi però r-rikorrent stess qed jgħid li l-Att VI tal-2024 jagħtih ir-rimedji li kien deprivat minnhom, u billi wkoll l-azzjoni tiegħi kienet mibnija strettament fuq id-dispożizzjonijiet tal-Att kif kienu fis-seħħ meta bdiet din il-kawża, il-Qorti mhux se tkun qed tippronunzja ruħha fuq il-bidliet leġiżlattivi li ddaħħlu fil-mori. Fuq kollox, wieħed għad irid jara kif se jiġi effettwat l-Ordni taħt dik il-liġi l-ġdida.

Ikkunsidrat:

45. Illi r-rikorrent jilmenta wkoll minn ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq.

46. L-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jgħid li:

> Kull meta xi ħadd ikun akkużat b’reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b’liġi.

filwaqt li l-ewwel parti tal-ewwel subinċiż tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni tipprovdi hekk:

> Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta’ xi akkuża kriminali kontra tiegħu...

47. Proċeduri li jwasslu għall-ħruġ tal-Ordni ma jwasslux għal deċiżjoni dwar sejbien ta' ħtija fuq akkuża kriminali. F'dan is-sens ukoll hija l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (ara, per eżempju, ***Gutfreund vs. France***[50] u ***Gast and Popp vs. Germany***[51]). Anki jekk dawn id-deċiżjonijiet kienu jirrigwardaw fattispeċi differenti, il-prinċipju stabbilit huwa ċar, u fil-fehma tal-Qorti jgħodd kemm jekk jitqies l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u kemm jekk jitqies l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

48. Madanakollu dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet jittutelaw ukoll il-jedd ta' smigħ xieraq fi proċeduri li jinvolvu «*deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili*» (artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni) kif ukoll «*deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu*» (artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni). Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-ħruġ u ż-żamma ta' ordni ta' ffriżar jinvolvu deċiżjoni li tolqot b'mod inxindibbli l-użu u t-tgawdija tal-proprjetà tal-individwu milqut bl-istess ordni, u għalhekk jidħlu fit-tifsira ċitata (ara, per eżempju, d-deċiżjoni ***Riela vs. Italy***[52], li għalkemm kienet tirrigwarda proċeduri ta' konfiska, u mhux ta' qbid jew iffriżar, tistabbilixxi prinċipji li huma wkoll applikabbli għall-każ odjern).

49. Din il-Qorti diġà osservat illi, fil-fehma tagħha u wkoll kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha ***Yorgen Fenech vs. Avukat tal-Istat*** (26 ta' Frar 2024), il-fakultà maħsuba fl-artikolu 5(3) tal-Att kienet mogħtija f'termini wiesgħa biżżejjed sabiex tippermetti lill-Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali li tvarja l-Ordni, previa li l-akkużat jegħleb il-preżunzjoni maħsuba fl-artikolu 3(5), biex b'hekk jiġi assikurat li l-iffriżar ma jmurx lil'hinn minn dak neċessarju biex jiġi preservat il-patrimonju konfiskabbli tal-akkużat. Dan ifisser li, fil-fehma tagħha, id-dispożizzjonijiet tal-Att kienu jagħtu rimedju lir-rikorrent, iżda kienet l-interpretazzjoni magħżula mill-Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali li ġabet dak ir-rimedju fix-xejn.

50. La darba r-rikorrent kellu jedd jitlob il-varjazzjoni tal-Ordni, u dan il-jedd ġie mċaħħad lilu minħabba interpretazzjoni żbaljata tal-liġi, isegwi li dik l-interpretazzjoni żbaljata wasslet biex ir-rikorrent jiġi mċaħħad minn aċċess għall-Qorti fid-determinazzjoni tad-

---

[50] 12 ta' Ġunju 2003.
[51] 25 ta' Frar 2000.
[52] QEDB, 4/9/2001.

drittijiet u obbligazzjonijiet ċivili tiegħu, u ċjoè jekk ħwejġu għandhomx jibqgħu soġġetti għall-effetti ta' ordni ta' ffriżar.

51. Sa fejn imbagħad ir-rikorrenti jilmenta minn ksur tal-jedd tiegħu għall-preżunzjoni tal-innoċenza, dan l-ilment huwa infondat. Il-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Ordni bl-ebda mod ma jxellef il-preżunzjoni tal-innoċenza. Il-preżunzjoni *iuris tantum* li tolqot il-provenjenza tal-ġid tal-akkużat hija kwistjoni indipendenti u separata mill-ħtija tiegħu għar-reati addebitati lilu, u fil-fatt tkun applikabbli biss jekk hu jinstab ħati. Fid-determinazzjoni tal-ħtija, l-Ordni u l-imsemmija preżunzjoni m'għandhom assolutament ebda effett jew applikazzjoni.

52. Għalhekk il-Qorti qed issib ksur tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti anki taħt l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u taħt l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni, iżda mhux ukoll taħt l-artikolu 6(2) u taħt l-artikolu 39(5).

Ikkunsidrat:

53. Illi fost ir-rimedji li r-rikorrent qiegħed jitlob fir-rikors promotur tiegħu, hemm dawk konsistenti minn varjazzjonijiet għall-Ordni li għandhom jiġu ordnati minn din il-Qorti. Huwa magħruf li din il-Qorti, meta tkun adita fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha, għandha s-setgħa li tagħti kull ordni neċessarju sabiex tara li jkun hemm tmiem għall-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti.

54. B'danakollu l-Qorti hija tal-fehma li dawn ir-rimedji mitluba mir-rikorrent m'humiex idonji fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ. Dan għaliex kien ir-rikorrenti stess, kif diġà ġie aċċennat, li ddikjara li l-Att VI tal-2024 qiegħed issa jagħtih ir-rimedji kollha neċessarji sabiex jiġu eliminati dawk il-fatturi li jrendu l-Ordni karenti mill-karattru proporzjonali li huwa mistenni li jkollu. Tant hu hekk li r-rikorrent irtira r-raba' talba tiegħu. Il-Qorti kienet infurmata mill-kontendenti li l-prosekuzzjoni ddikjarat l-ammont li għalih l-Ordni kellu jiġi limitat, u għalhekk taħt id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità[53] l-Qorti tal-Maġistrati għandha tirriduċi l-effetti tal-Ordni għal dik is-somma.

[53] Kapitolu 621 tal-liġijiet ta' Malta.

55. Għalhekk il-ħames u s-sitt talbiet tiegħu mhux se jintlaqgħu, billi jirrigwardaw materji li sejrin jiġu ndirizzati fil-kuntest tal-proċeduri kriminali stess, li huwa l-*forum* idonju għal dak l-iskop.

56. Huwa l-każ però li r-rikorrent jirċievi kumpens għall-ħsara morali li huwa ġarrab b'konsegwenza tal-vjolazzjonijiet konstatati f'din is-sentenza. Sabiex jiġi kalibrat dan il-kumpens, il-Qorti żammet f'moħħha, min-naħa 'l waħda, iż-żmien kollu li matulu l-Ordni baqgħet fis-seħħ, u ċjoè aktar minn ħdax-il sena, kif ukoll il-fatt li kjarament jidher li għal dak iż-żmien, l-Ordni nżamm fis-seħħ fuq ġid li jiswa ferm aktar mill-ammont li l-prosekuzzjoni ndikat li huwa r-rikavat illegali li fil-fehma tagħha irċieva r-rikorrenti. Min-naħa l-oħra, il-Qorti żammet ukoll quddiem għajnejha li r-rikorrent ma ressaqx talba għall-ħelsien ta' parti mill-ġid tiegħu minħabba li ma kienx ġej minn attività kriminali qabel it-18 ta' Marzu 2022, kif ukoll il-fatt li r-rikorrent ma ressaq ebda prova partikolari li turi li huwa ġarrab xi ansjetà jew oltraġġ partikolari b'konsegwenza tal-Ordni. Dan kollu ikkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrent jistħoqqlu kumpens fl-ammont ta' ħmistax-il elf Ewro (€15,000). Dan il-kumpens għandu jitħallas mill-intimat Avukat tal-Istat, li huwa dak ir-rappreżentant tal-Istat li jwieġeb għall-vjolazzjonijiet imwettqa mill-Qrati.

57. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' talba tar-rikorrent billi din ġiet irtirata minnu fis-26 t'April 2024;

(ii) tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-intimati u għalhekk tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti sa fejn huma mibnija fuq l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

(iii) tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħrajn tal-intimati sa fejn huma inkonsistenti ma' dak ikkunsidrat f'din is-sentenza;

(iv) tiċħad l-ewwel, il-ħames u s-sitt talbiet tar-rikorrenti;

(v) tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet biss fis-sens li tiddikjara li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li ma tikkunsidrax it-talba li saritilha mir-rikorrent għall-varjazzjoni tal-ordni tal-iffriżar wassal għall-ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti taħt l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni, l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

(vi) tilqa' s-seba' talba u għalhekk tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas lir-rikorrent is-somma ta' ħmistax-il elf Ewro (€15,000) bħala kumpens għall-vjolazzjonijiet subiti;

(vii) tordna li l-intimati jħallsu tliet kwarti ($^3/_4$) mill-ispejjeż tal-kawża, filwaqt li r-rimanenti kwart ($^1/_4$) għandu jibqa' sopportat mir-rikorrent.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Deputat Reġistratur